# ĊIRKULARI

**Data: 25 ta' Settembru 2019** **Ref: DDLTS 30/2019**

**Għal:** **Kapijiet tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-iskejjel Primarji kollha (Stat u Mhux Stat)**

**Minn:** **Direttur, Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Subject: Kontinwazzjoni tal-*One Tablet Per Child*: Ir-Raba' Fażi**

---

Il-Kapijiet tal-iskejjel mitluba li jgħaddu din iċ-ċirkulari għall-attenzjoni tal-għalliema fl-iskola tagħhom.

It-teblits il-ġodda taħt l-iskema *One Tablet Per Child* (OTPC) se jitqassmu lill-istudenti tar-Raba' Sena mill-21 t'Ottubru 2019 'il quddiem. Kull skola ser tkun mgħarrfa bid-data tat-tqassim.

**Nota għall-Kapijiet tal-iskejjel**
Bħala parti minn dan l-eżerċizzju qegħdin naġġornaw il-lista tal-persuni minn kull skola li jiġu kkuntatjati dwar l-OTPC. Għalhekk il-Kapijiet tal-iskejjel huma mitluba li jikkonfermaw il-persuni tas-sena l-oħra jew jinnominaw lil xi ħadd ġdid/a billi jniżżlu l-isem f'**din il-formola** sal-**1 t'Ottubru 2019**.

**Nota għall-mexxejja tal-iskejjel u l-għalliema**
Meta t-teblits jaslu fl-iskola tiegħek tista' tibda tqassamhom lill-istudenti. Fis-snin li għaddew, l-iskejjel involvew lill-ġenituri/kustodji mill-ewwel jum billi ħeġġewhom jiġu l-iskola għal-laqgħa qabel ma jingħataw t-teblits. Xi skejjel oħra bagħtu l-AUPs d-dar mal-istudenti biex jiġu ffirmati mill-ġenituri. Agħżel l-iktar mod li jaħdem l-aħjar fl-iskola tiegħek, madankollu huwa importanti li l-AUPs jiġu ffirmati għal kull teblit ġdid li jingħata.
(L-edukaturi l-ġodda, kif ukoll l-istudenti l-ġodda fil-5 u s-6 Sena skolastika jiġu ndirizzati b'mod separat kif spjegat fl-SOP mehmuż.



Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali
*Nirnexxu flimkien bħala ċittadini f'dinja diġitali globali*

Ċentru għal-Litteriżmu Diġitali (MEDE) | t: 2598 1563/4/5 | e: digital-literacy@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt

**Proċeduri**

Għar-4 fażi se jintużaw l-istess proċeduri li ntużaw is-sena l-oħra. Jiġifieri:

a. Aġġorna l-inventarju tat-teblits għas-Snin 5 u 6 qabel ma jaslu t-teblits tar-4 Sena;
b. Kif jaslu t-teblits il-ġodda tar-4 Sena; iċċekkja li n-numru ta' teblit mogħtija jaqbel man-numru ta' studenti fil-lista uffiċjali, u tgħarraf lill-IMU f'każ ta' diskrepanza;
c. L-għalliema jiċċekkjaw mal-istudenti li għandhom l-aċċessorji kollha fil-basket. L-aċċessorji huma teblit bil-*cover*, pinna (*stylus*), batterija, ċaruta, ħedfowns, ċarġer, ċinga u *cable*;
d. Il-Politika ta' Użu Aċċettabbli (AUPs) u r-regolamenti GDPR (it-tnejn mehmużin) jiġu stampati mill-iskola u jitqassmu lill-istudenti;
e. Itlob lill-ġenituri/kustodji biex jaqraw l-AUP, u jimlew u jirritornaw l-aħħar paġna biss;
f. Il-formoli għandhom jaslu lura għand l-għalliema u jinżammu fl-iskola;
g. Meta l-formoli jaslu lura ffirmati, l-istudenti jieħdu t-teblit u l-aċċessorji magħhom id-dar. L-istudenti għandhom iġibu t-teblit magħhom l-iskola kuljum iċċarġjat.
h. L-iskola għandu jkollha rekord tan-numru abbinat ma' kull teblit (*asset number*) flimkien mal-isem tal-istudent/a u jekk jogħġbok aġġorna l-inventarju onlajn kif sar fis-snin ta' qabel;
i. L-iskola tista' torganizza laqgħat għall-ġenituri dwar l-użu tat-teblit u kif nieħdu ħsiebu;
j. L-għalliema tal-Litteriżmu Diġitali (Stat) u l-Avantis (Mhux Statali) se jkunu qed jgħinu lill-għalliema tal-klassi kif meħtieġ;
k. Jekk jogħġbok aqra l-Proċeduri Operattivi (SOPs) mehmuża li ġew aġġornati biex jissostitwixxu dawk preċedenti.

Għal aktar spjegazzjoni kkuntatjana fuq 25981563/4/5 jew b'ittré fuq
digital-literacy@ilearn.edu.mt

Grazzi ħafna tal-koperazzjoni tiegħek.

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**